# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Charlotte Curmi]

vs

John Chibuzor Bolenus

**Kumpilazzjoni Numru: 529/17**

**Illum, 11 ta' Jannar, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra John Chibuzor Bolenus detentur tal-karta tal-identita` numru 40547A akkuzat talli nhar is-26 ta' Novembru 2017 ghall-habta tas 07:00 hours, gewwa B'Bugia:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal persuna ta' Uchena Obi u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond ma iccertifikat Dr. Elizabeth Gialanze MD reg 1320;

2. U aktar talli fl-istess hin, lok, u cirkostanzi hebb ghal-imsemmi Uchena Obi sabiex jinsulentah, iweggghu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal artiklu 339D tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data hin u lok u cirkostanzi qabad strument li jaqta u bil-ponta (imqass) kontra Uchena Obi u dan bi ksur tal artiklu 339(1)(B) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-artikoli 338(1) (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel ingurja jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici

Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja, b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil, u/jew persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba, li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Uchena Obi, kemm waqt il-mori tal-Kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikolu 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 216(1)(b), 216(1)(d), 216(2), 217, 218(1)(a), 218(1)(b) u 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 7, 8, 12, 13, 15, 16, 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi din il-kawza, hekk kif xehdet **<u>l-Ispettur Charlotte Curmi</u>**, titratta fuq allegat argument li nqala' fit-Triq Folklore, B'Bugia bejn l-imputat u l-parte civile Uchena Obi fejn dan gie milqut permezz ta' mqass f'wiccu li dan qed jghid illi din id-daqqa tahielu l-imputat wara li nqala' argument fuq par zarbun li hu kien xtara lill-imputat onlajn u fejn sija' l-imputat u anke l-parte civile garrbu griehi gravi.

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda tal-parte civile **<u>Uchena Obi</u>** fejn wara li nghata d-debita twissija biex ma jinkriminax ruhu dwar l-incident *de quo* huwa ghazel li jixhed.

Huwa jghid li dakinhar tal-incident kien mar ghand l-imputat peress li kien tah xi flus biex jixtrilu zarbun onlajn ta' certu daqs. Gara li l-imputat xtralu zarbun ta' daqs akbar milli riedu u ghalhekk dakinhar tal-incident kien mar biex itihulu lura. Huwa jghid illi habbatlu l-bieb u hallielu z-zarbun wara l-bieb u mar lejn il-*bus stop*. Meta dan kien qed jistenna tal-linja jara lill-imputat jigri lejh b'imqass f'idejh u jghajjat mieghu biex jiehu z-zarbun lura u tah daqqa bl-imqass f'ghonqu. Huwa jghid illi dak il-hin waqa' u l-imputat kien rega' gej ghalih sabiex itih daqqa ohra fejn

il-parte civile mbuttalu wiccu u dan tilef il-bilanc u hemmhekk jghid li rnexxielu jahrablu. Jghid ukoll illi bdew jigru wara xulxin u l-imputat irnexxielu jimblukkah hdejn il-knisja ta' B'Bugia fejn f'dak il-hin jghid li rnexxielu jidhol go bar u fejn ftit wara gew il-pulizija, arrestawh u wara haduh l-isptar.

Semghet ukoll lit-tabib li kkurat lill-parte civile u cioe' **Dr. Elizabeth Gialanze** fejn din ikkonfermat ic-certifikat mediku li kienet harget u li gie mmarkat bhala Dokument CC16.

Semghet ukoll lill-espert **Dr. Mario Scerri** fejn iddikjara illi Uchena Obi ghandu cikatrici fuq in-naha tax-xellug tal-ghonq kompatibbli minn incizjoni li saret minn strument li jaqta' u bil-ponta. Huwa jghid illi din ic-cikatrici tibqa' tidher (Dok. MS1). Dr. Scerri xehed ukoll fuq il-griehi tal-imputat li gie ezaminat minnu xi sena u nofs wara l-incident u kkonferma li kellu sinna nieqsa (Dok. MS2).

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **John Chibuzor Bolenus** li qal illi fl-erbatax (14) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017) gie Uchena Obi d-dar tieghu sabiex jixtrilu zarbun onlajn. Meta z-zarbun wasal mar jaghtihulu d-dar tieghu l-Imsida. Wara siegha

dan jghid illi Obi cempillu u qallu li d-daqs kien hazin u qallu wkoll illi jekk ma kienx ser ihallas ghaz-zarbun hu kien ser jiksirlu ghonqu meta jarah. Dan jghid illi Obi rega' cempillu fid-dsatax (19) ta' Novembru u rega' gheddu. L-imputat jghid illi mar jaghmel rapport l-ghassa fuq theddid u l-pulizija qalulu illi gialadarba ma kienx mar id-dar tieghu ma setghu jaghmlu xejn. Gara pero' illi fid-data tal-incident gie ghandu l-parte civile jsabbat mal-bieb ta' barra fis-sebgha (7) ta' filghodu. Jghid li cempel lill-pulizija qabel ma fetah u meta ntebah li ma kellux aktar kreditu fuq il-mobajl, fetah u minnufih Obi tah daqqa go wiccu. Dawn marru jigru wara xulxin u hdejn il-*bus stop* rega' tah daqqa u mbuttah u l-imputat jghid illi waqa' mal-art u storda ghal ftit minuti. Dan jghid ukoll illi Obi dahal go bar u hu mar jigri l-ghassa tal-pulizija. Jghid illi minhabba dan l-incident kellu griehi fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu u sinna nieqsa. Jghid ukoll illi huwa ghadu jiehu trattament minghabba li ma tantx ghadu jara sew u ghadu minghajr sinna. Huwa jinnega kategorikament li kellu xi haga taqta' f'idejh u jghid illi probabbilment il-parte civile wegga' meta kien qed jissielet biex jinheles meta kien mal-art fuq xi borza taz-zibel.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Illi skont il-verbal datat 3 ta' Frar 2020 id-difiza ppromettiet li fi zmien gimgha tipprezenta nota bil-ftehim bejn il-partijiet. Il-Qorti tinnota li tali nota qatt ma giet ipprezentat u ghalhekk ser tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet kemmxejn differenti mhumiex xorta wahda 'l boghod minn xulxin. Ghaldaqstant il-Qorti ser tqis dawn l-istess verzjonijiet, u cioe` dik tal-parte civile u dik tal-imputat, bhala fattwali.

Illi din il-Qorti setghet tezamina attentament ix-xhieda tal-parte civile kif ukoll tal-imputat u tikkonstata illi minghajr ombra ta' dubju l-verzjoni tal-imputat hija l-aktar veritjiera tenut kont illi dak li qal il-parte civile ma jaghmilx sens u dan ghaliex skont kif qal hu li semplicement halla z-zarbun ghand l-imputat minghajr ma ried il-flus lura, l-imputat ma kellux ghalfejn imur jigri warajh u jaghmillu griehi li qal li ghamillu. Illi jekk il-parte civile sofra xi griehi dan sar certament fil-kollutazzjoni u sabiex l-imputat jiddefendi lilu nnifsu u jinqala' mill-parte civile.

Illi ghalhekk il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi tad-difiza legittima. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn gie ritenut li: Mhux kull min *"jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti: *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with*

*certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi fil-kaz in ezami wiehed jista' jargumenta li l-imputat ma setax janticipa l-periklu, u li dan il-periklu kien imminenti u l-agir tal-imputat kien propju wiehed instantanju. Minkejja dan hemm ukoll l-element tal-proporzjonalita`; mhuwiex bizzejjed li l-minaccja tkun gravi, ingusta u inevitabbli; huwa wkoll necessarju li r-reazzjoni tal-akkuzat tkun proporzjonata.

Hawnhekk issir riferenza ghas-sentenza **Ir-Repubbklika ta' Malta vs Mariano Grixti** deciza fit-3 ta` Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kaz tas-16 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubbklika ta` Malta vs Domenic Briffa**, fejn inghad illi: *"Sabiex*

*wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.''*

Illi minn ezami approfondit tal-atti processwali jidher car li l-imputat ma marx oltre' dak permess mil-Ligi meta ddefenda lilu nnifsu u dan minhabba n-natura tal-gerha li kellu l-parte civile u wkoll minhabba l-fatt li meta nheles mill-parte civile, l-imputat harab 'l hemm u mar l-ghassa tal-pulizija.

Illi ghar-rigward it-tieni u t-tielet akkuzi, il-Qorti tinnota li ma ngabet l-ebda prova la li kien hemm ksur tal-paci pubblika mill-imputat u lanqas li l-imputat hedded jew ingurja lill-parte civile u l-imqass qatt ma nstab la fuq il-persuna tal-imputat u l-anqas fit-triq. Uchena Obi fit-testimonjanza tieghu fl-ebda hin ma semma' li l-imputat heddu jew ingurjah.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat John Chibuzor Bolenus hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

---

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**